# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2121

**Kaz Numru 2836 DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Nicholas Caruana Turner**

**u**

**Malta Freeport Terminals Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 18 ta' Jannar 2012**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar l-24 ta' Settembru 2010.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Nicholas Caruana Turner, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien irrapprezentat minn Johann Baldacchino Romano bis-sahha ta' zewg prokuri, wahda generali datata 28.09.10 u l-ohra specjali datata 12.10.10, u kien meghjun mill-Avukata Sarah Sultana.

2.2 Il-kumpanija Malta Freeport Terminals Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata mill-Avukat Duncan Borg Myatt meghjun mill-Avukat Joe Zammit Maempel.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrent kien impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Assistant Operations Manager* fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien indefinit. Nhar l-24.05.10 il-vapur CSL Marie kien sorgut fil-port hieles gestit mill-kumpanija intimata jaghmel trasbord ta' merkanzija meta f'hin minnhom ufficjal tal-

ekwipagg u l-burdnara ntebhu li l-operazzjoni setghet tieqaf minhabba nuqqas ta' capep (*twist locks*), taghmir li ma setax jinxtara fis-suq f'Malta. Dan it-taghrif twassal lill-Ufficjali tal-kumpanija intimata li talbet lir-rikorrent jattendi fil-post biex jassisti fir-rizoluzzjoni tad-diffikulta li nqalghet, kif ukoll lill-gadraj tal-vapur li ordna lill-impjegat tieghu Manwel Agius biex jassisti fir-rizoluzzjoni tal-istess diffikulta. Manwel Agius ghamel diversi kuntatti bit-telefon biex jara minn fejn seta' jakkwista capep fis-suq, izda kien kollu ghalxejn. Meta flimkien mal-kollega tieghu Chris (kunjomu mhux maghruf) Manwel Agius wasal fejn il-vapur, huwa intermedja mal-Kaptan tal-vapur u allegatament mar-rikorrent biex jinstabu bizzejjed capep fil-port hieles biex l-operazzjoni titkompla minghajr waqfien. L-istess Manwel Agius ghamel sitt vjaggi bil-karozza tal-kumpanija tieghu biex garr madwar 600 cappa bejn sit fil-port hieles u l-moll fejn kienet qieghda ssir l-operazzjoni tat-trasbord. F'xi hin wara r-rapprezentanti barranin tal-linja tal-bahar li kienet thaddem il-vapur ilmentaw mal-gadraj tal-vapur dwar l-allegat hlas li sar biex inxtraw ic-capep. Il-gadraj gharraf b'kollox lil Alex Montebello li jokkupa l-kariga ta' *Director of Operations* mal-kumpanija intimata. Wara investigazzjoni li ghamlet il-kumpanija intimata, nhar is-26.05.10, il-kumpanija intimata wara li ma kinitx sodisfatta bil-verzjoni li ta r-rikorrent, u wara li waslulha zewg dokumenti rilevanti minghand il-gadraj, temmet l-impieg tar-rikorrent.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Manwel Agius, Adrian Baldacchino u Alex Montebello xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Vincent Grima xehed ghar-rikorrent. Ir-rikorrent xehed ghalih innifsu.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Ir-rikorrent esebixxa:

5.1.1 Kopja ta' FS3 ghas-sena li ghalqet fil-31.12.09 immarkata, Dok. NCT B.

5.1.2 Affidavit datat 09.08.11 tar-rikorrent immarkat, Dok. NCT 2.

5.1.3 Dikjarazzjoni tal-kaz datata 24.09.10 konsistenti f'erba' pagni li tinkludi zewg dokumenti mmarkati, Dok. NCT u Dok. NCT1.

5.1.4 Prokura datata 28.09.10 li bis-sahha taghha r-rikorrent hatar lil Johann Baldacchino Romano biex jidher ghalih matul is-smigh tal-kaz.

5.1.5 Nota datata 02.11.11 li fiha l-Avukata Sarah Sultana talbet l-isfilzar tar-riferenza li tidher fit-traskrizzjoni tal-ahhar seduta fejn l-Avukat Joe Zammit Maempel allega li fil-frattemp Vincent Grima kien intemmlu l-impieg minn mal-kumpanija intimata minhabba akkuzi dixxiplinarji.

5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz datata 19.10.10 konsistenti fi tliet pagni u tinkludi zewg dokumenti mmarkati, Dok A u Dok. B.

5.2.2 Kopja ta' messagg elettroniku datat 01.12.10 mibghut mill-gadraj tal-vapur lill-kumpanija intimata li tinkludi kopja tal-messagg elettroniku li l-istess agent kien ircieva minghand il-Kaptan tal-vapur immarkati, DBM/JZM1.

5.2.3 Ittra datata 09.11.11 li maghha kien hemm mehmuza nota risponsiva ghan-nota li tidher fis-sub artiklu 5.1.5, li permezz taghha l-Avukat Joe Zammit Maempel rtira dak li ntqal fir-replika tieghu waqt it-trattazzjoni rigwardanti l-allegata temma tal-impieg ta' Vincent Grima, u ta spjega ghaliex kien sehh l-izball.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Manuel Agius**, impjegat fil-kariga ta' rapprezentant tal-kumpanija Royal Med Shipping, li kellha x-xoghol ta' gadraj tal-vapur CSL Marie, ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija tieghu datata 26.05.10 dettata minnu lil Adrian Baldacchino mmarkata Dok. A mehmuza mal-istqarrija tal-kaz tal-kumpanija intimata, u kompla jghid ukoll li qabel ma ffirmaha kien qraha, izda waqt ix-xhieda *viva voce* kkorega dak li nkiteb fl-istqarrija ghaliex il-flus minghand il-Kaptan kien gabarhom Chris (kunjomu mhux maghruf u 'llum mejjet) u mhux hu. Ix-xhud kompla li nhar l-24.05.10 ghall-habta tal-11.30am. fil-waqt li kien fi triqtu lejn il-port hieles kien mgharraf mill-ufficjali tal-kumpanija tieghu li l-operazzjoni tat-trasbord tal-*containers* ghal fuq il-vapur CSL Marie li kien sorgut fil-port hieles kienet ser tieqaf minhabba li kien hemm nuqqas ta' capep bir-rizultat li kienu ser jithallew numru kbir ta' *containers* l-art. Minhabba f'hekk kien ordnat jghin tinstab soluzzjoni. Fi triqtu lejn il-port hieles ix-xhud ghamel diversi kuntatti bit-telefon biex jipprova jiskopri min seta' jissupplixxi t-taghmir nieqes, izda kien kollu ghalxejn, ghaliex it-taghmir ma jezistix fis-suq lokali. Meta wasal il-port hieles tela' fuq il-vapur u tkellem mal-Kaptan tal-vapur li talbu biex jara jekk jistax jakkwista 400 cappa minn x'imkien; aktar tard dan in-numru zdied ghal 600. Kif nizel minn fuq il-vapur ra lir-rikorrent jitkellem mac-*Chief Officer* tal-vapur u kkonkluda li kien qieghed ikellmu fuq ic-capep

ghaliex ir-rikorrent bedu juri cappa lill-Ufficjal. Fi stadju iehor tax-xhieda tieghu x-xhud qal li ma ftakarx jekk kienx ra lir-rikorrent jitkellem ma' membru tal-ekwipagg. Wara li telaq l-ufficjal, hu tkellem mar-rikorrent, u dan qallu li seta' jaqdih, u offrielu l-provvista ta' numru ta' capep mill-port hieles stess bil-prezz ahhari negozjat u ridott fuq talba tal-Kaptan ghal $7.00 jew €5.00 kull wahda kif hemm miktub fl-istqarrija. Zied jghid li kien il-kollega tieghu Chris (kunjomu mhux maghruf) li tela' fuq il-vapur biex jigbor il-flus minghand il-Kaptan u jaghtihom lir-rikorrent. Ix-xhud stqarr li ma kienx prezenti fil-hin tat-tranzazzjoni tal-flus ghaliex hu kien okkupat jorganizza grupp mill-ekwipagg biex jghinuh igorr bil-karozza tieghu c-capep minn sit fil-port hieles indikat lilu mir-rikorrent u konsegwentement ma rax lil Chris (kunjomu mhux maghruf) jghaddi l-flus lir-rikorrent. Meta mar fis-sit indikat lilu mir-rikorrent ic-capep kienu migbura f'recipjent, il-membri tal-ekwipagg bdew jaghzlu u jghabbu c-capep fil-van tieghu, u flimkien maz-zewg membri tal-ekwipagg ghamel sitt vjaggi biex garrew 600 cappa ghal fuq il-moll fejn kien sorgut il-vapur. L-operazzjoni tkompliet u l-*containers* tghabbew kollha.

6.2 **Adrian Baldacchino,** sid il-kumpanija Royal Med Shipping li kienet mikrija biex taghmel il-funzjoni ta' gadraj tal-vapur CSL Marie, stqarr li nhar il-jum meta nqala' l-incident tac-capep il-Kaptan tal-vapur cempel l-ufficcju tal-kumpanija tieghu u gharrafhom bil-problema li kellu. L-ufficcju ghamel kuntatt bit-telefon mar-rapprezentant tal-kumpanija Manwel Agius, gharrfu bil-problema ta' nuqqas ta' capep, u ordnalu jfittex biex jixtri madwar 500/600 cappa gdida jew uzati biex ma tiqafx l-operazzjoni ta' trasbord. Zied jghid li aktar tard matul il-jum sar jaf minghand Manwel Agius li l-problema kienet rizolta ghaliex ir-rikorrent kien ipprovda bizzejjed capep bi prezz negozjat mal-Kaptan u l-*containers* tghabbew kollha. Ix-xhud qal li dan kollu kien konfermat permezz ta' messagg elettroniku li l-Kaptan baghat lir-rapprezentanti tal-linja tal-bahar li thaddem il-vapur, izda fil-messagg ma ssemmewx l-ismijiet, la ta' Manwel Agius u lanqas tar-rikorrent. L-involviment tar-rikorrent sar jafu ghaliex wara li hu gharraf lill-ufficjali tal-kumpanija intimata bil-messagg tal-Kaptan, kien cempillu r-rikorrent u staqsieh jekk kienx hu li kixfu mal-ufficjali tal-kumpanija intimata bhala l-persuna li ssupplixxiet ic-capep lill-vapur CSL Marie. Ix-xhud kompla li l-kumpanija tieghu kienet konxja li fil-port hieles spiss kienu jithallew l-art numru ta' capep ghaliex minn zmien ghal iehor kienu jaslu messaggi elettronici minghand Kaptana ta' vapuri li jkunu salpaw wara operazzjoni ta' trasbord li fihom kienu jilmentaw li naqsuhom numru ta' capep waqt l-ahhar operazzjoni ta' trasbord li kienu ghamlu fil-port hieles ta' Malta. Kienu waslulu lmenti wkoll li meta l-ekwipagg ta' xi vapur jindunaw qabel ma jsalpaw li kienu naqsuhom ic-capep, kienu jilmentaw mal-ufficcjali tal-kumpanija intimata u c-capep nieqsa kienu jingiebu lura. Ix-xhud stqarr li Manwel Agius kien irrakkontalu dak kollu li kien gara u hu kiteb dak li kien qallu, u talbu jiffirma d-dokument biex

jintbaghat lill-ufficcjali tal-kumpanija intimata. Ix-xhud ikkonferma l-fatti essenzjali tax-xhieda tieghu waqt konfront li kellu mar-rikorrent.

6.3 **Nicholas Caruana Turner**, ir-rikorrent ikkonferma l-firma u l-kontenut tal-affidavit tieghu, immarkat Dok. NCT2, u zied jghid li hu kellu l-kariga ta' *Assistant Operations Manger*, li jahdem matul il-jum biss u xoghlu kien ta' logistika fil-bitha tal-port hieles u fuq il-vapuri li jidhlu, b'mod partikulari dak li jirrigwarda affarijiet goffi li jew jitnizzlu l-art jew jittellghu abbord. Ix-xoghol kien jinkludi wkoll l-attivita li jingabar mill-art skart ta' hadid, inkluzi capep, biex jitpoggew go recipjenti tal-hadid apposta f'post maghruf bhala *damaged goods area* fil-bitha tal-port hieles. Meta l-iskart jingema' kien jingieb kuntrattur kull xahrejn jew tlieta biex jittrasporta 'l barra mill-port hieles il-kontenut tar-recipjenti mimlija. Nhar il-jum tal-incident, fil-waqt li kien qieghed idur il-port hieles ma' Vincent Grima kellmu James Briffa fuq il-*wireless* u qallu biex imur fejn il-vapur CSL Marie ghaliex kellhom bzonnu. Meta wasal hdejn il-vapur iltaqa' ma' Lorry Gatt u Philip Cilia u minghandhom sar jaf li l-vapur kellu problema ta' nuqqas ta' capep, u dawn staqsewh jekk setax jipprovdilhom balla capep. Hu wiegeb li l-problema kienet tal-*Assistant Operations Manager* inkarigat mill-vapur, u zied jghid li minhabba li r-recipjenti kienu tbattlu ftit tal-jiem qabel ma kellux hlief xi erbghin cappa mkissrin u sfuzi, u rreferiehom ghall-gadraj. Wara dan flimkien mal-kollega tieghu Vincent Grima telqu jkomplu fuq xogholhom. Ir-rikorrent cahad li meta kien hdejn il-vapur tkellem ma' Manwel Agius dwar il-provvista ta' capep ghall-istess vapur, jew li nnegozja xi prezz ghall-bejgh ta' l-istess taghmir. Fi tmiem il-jum meta kien hiereg mill-port hieles ghadda u waqaf hdejn il-vapur CSL Marie, staqsa kif kienu baqghu u sar jaf li kienu nqdew. Xi jiem wara kien iltaqa' ma' Uwe Malezki u Alex Montebello meta kien mgharraf bl-incident u li l-kumpanija intimata kellha fil-pussess taghha dokument li jsemmi ismu u jikkonferma li kien biegh capep lill-Kaptan tal-vapur CSL Marie. Hu talab konfront u nghata appuntament ghall-ghada fil-5.00pm, izda meta mar ma kien hemm hadd. Ir-rikorrent ikkonferma li l-allegat ammont ta' 600 cappa jokkupaw spazju mdaqqas u jiznu madwar 3 tunellati. Zied jghid li jekk dawn kienu fil-port hieles hu qatt ma rahom. Ir-rikorrent cahad li xi jiem wara cempel lil Adrian Baldacchino u staqsieh jekk kienx hu li kixfu mad-dirigenti tal-kumpanija intimata li kien biegh ic-capep lill-Kaptan tal-vapur CSL Marie.

6.4 **Vincent Grima**, impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Operator*, stqarr li xoghlu kien jghin lir-rikorrent f'dak kollu li kien ikun mehtieg li kien jinkludi l-gbir ta' hadid li jaqa' jew jithalla fl-art waqt ix-xoghol ta' trasbord inkluz il-gbir ta' capep, kemm tajbin u kemm difettuzi, minhabba li dan kollu kien ikun ta' xkiel u/jew periklu ghall-operat in generali. Ic-capep li jaqghu fl-art waqt l-operazzjoni tat-trasbord kienu jingabru mill-ekwipagg jew mill-haddiema tax-xatt u

jintefghu f'recipjent bl-isem tal-vapur biex fi tmiem l-operazzjoni l-istess recipjent jittella' lura abbord. Minn dak li jingabar wara li jkun salpa l-vapur, kienu jintaghzlu ghalihom ic-capep li jistghu jergghu jintuzaw, u l-kumplament kien jintefa' kollu f'recipjenti tal-hadid f'wahda mill-btiehi tal-port hieles fejn kien hemm numru ta' *containers* li kellhom xi hsarat. Meta r-recipjenti tal-iskart jimtlew kien jigi kuntrattur u jgorr it-taghbija barra mill-port hieles. Meta jonqsu c-capep waqt xi operazzjoni ta' trasbord ix-*shift leaders* kienu jmorru f'sit fil-bitha u jiehdu dak li jkollhom bzonn biex jinqdew. Nhar il-jum tal-incident in kwistjoni hu kien mar-rikorrent meta waslilhom messagg fuq il-*wireless* minghand l-iskrivani tal-kumpanija intimata biex imorru taht il-*crane* ghaliex kien hemm min ried ikellimhom dwar problema li kienet inqalghet. Meta waslu fil-post fuq il-moll kien hemm Lorry Gatt u Philip Cilia, zewg impjegati tal-kumpanija intimata flimkien ma' ufficjal ta' vapur Iranjan. L-ufficjal talabhom biex jissuplixxuh b'numru kbir ta' capep. Ix-xhud stqarr li r-rikorrent wiegeb li l-port hieles ma kellux capep ghall-bejgh ghaliex huma jarmu kull ma jigbru, irreferieh lura lill-gadraj, u telqu lura minn fejn gew minghajr ma gharrfu lil hadd b'dak kollu li ghadda bejnhom u bejn l-ufficjal tal-vapur. Zied jghid li nhar l-incident ma kienx hemm kwantita kbira ta' capep fir-recipjenti ghaliex gimgha u nofs qabel kien gie l-kuntrattur u ha kollox. Ix-xhud kompla li ghakemm xi drabi pprovdew capep lill-vapuri, din id-darba ma' setghux jaghmlu hekk ghaliex il-vapur kellu bzonn madwar mitt cappa. Ix-xhud zied jghid li fil-bitha tal-port hieles hemm stallazzjoni ta' sistema ta' *cameras*, u wara l-incident in-numru taghhom zdied kif ukoll giet introdotta sorveljanza ta' persuni tat-taqsima tas-sigurta. Ix-xhud temm jghid li lilu qatt ma kellmu hadd dwar l-incident.

6.5 **Alex Montebello,** impjegat fil-kariga ta' *Director of Operations* mal-kumpanija intimata, ghamel spjega fil-qosor tal-uzu tac-capep propjeta tal-vapur, u l-fazijiet fl-operat meta c-capep jinhallu minn mal-*containe*r mill-haddiema tax-xatt meta dan jitnizzel l-art, u jitpoggew f'recipjent apposta mmarkat bl-isem tal-vapur. Dan ir-recipjent jittella' lura abbord meta tintemm l-operazzjoni tat-trasbord. Zied jghid li fil-kaz ta' capep li ma jkunux jistghu jinqalghu mill-burdnara minn mal-*container*, ir-rikorrent u Vincent Grima jgibu taghmir biex dawn jinqalghu minn posthom u jintremew. Fil-kaz li wara li jsalpaw il-vapuri li jhottu jkun fadal xi capep imxerrda madwar il-port hieles li ma jkunux tghabbew lura fuq il-vapuri, u minhabba l-periklu li joholqu dawn jingabru, jissakkru f'*containe*r fil-port hieles u jsiru arrangamenti ghad-dispozizzjoni taghhom. Meta darba fost l-ohrajn, waqt spezzjoni li saret minnu, irrizulta li c-capep ma kinux qeghdin jinzammu msakkra, kien ordna lill-kap tar-rikorrent biex isakkruhom. Ix-xhud zied jghid li nhar il-25.05.10 ircieva telefonata minghand Alfred Baldacchino, il-gadraj tal-vapur CSL Marie, li matulha kien mgharraf li l-Kaptan tal-vapur CSL Marie kien kostrett jixtri 600 cappa biex setghet titkompla l-operazzjoni

ta' trasbord. L-istess gadraj zied jghidlu li r-rikorrent kien cempillu u ried ikun jaf minghandu jekk hux hu kien li kixfu mal-Ufficjali tal-port hieles li kien biegh ic-capep lill-Kaptan. L-istess taghrif kien konfermat aktar tard permezz ta' messagg elettroniku li kien jinkludi kopja ta' messagg elettroniku li l-gadraj kien ircieva minghand il-Kaptan tal-vapur. Ix-xhud zied jghid li flimkien mad-Direttur Manigerjali Uwe Malezki ltaqghu mar-rikorrent u ghalkemm ma pprezentaw ebda dokument lir-rikorrent minhabba li ma kienx indirizzat lilu, u wkoll ghaliex kienet ghadha qieghda ssir investigazzjoni, gharrfuh bit-taghrif li kien wasal ghandhom. Ir-rikorrent cahad li hu kien ipprovda xi capep lill-ekwipagg tal-vapur CSL Marie. Wara li ntemm il-konfront mar-rikorrent qalulu li aktar tard kienu ser jikkomunikaw mieghu. L-ghada rcieva stqarrija miktuba minghand Manwel Agius, skrivan mal-gadraj tal-vapur, li fiha kienet konfermata t-tranzazzjoni u s-sehem li ha fiha r-rikorrent. Dak li sar inaqqas mir-reputazzjoni tajba li tgawdi l-kumpanija intimata, u konsegwentement jumejn wara kien deciz li jintemm l-impieg tar-rikorrent.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Joe Zammit Maempel ghall-kumpanija intimata:

7.1.1 Stqarr li:

- Waqt kull operazzjoni ta' trasbord ta' *containers* fil-port hieles jintuzaw capep proprjeta tal-vapur, u meta dawn jitnizzlu l-art ic-capep jinqalghu minn maghhom, u jitpoggew f'recipjent apposta tal-vapur biex jittellghu lura abbord. Fil-kaz li xi capep ma jkunux jistghu jintuzaw aktar, dawn u ohrajn li jinstabu skartati fuq il-moll wara operazzjoni ta' trasbord flimkien ma' skart iehor tal-hadid li jinstab fl-art, jingabru biex tkun evitata hsara lit-taghmir li jittragetta fil-port hieles, jinhazen kollox f'post fil-bitha tal-port hieles u wara xi zmien jingabar minn kuntrattur tal-iskart. Il-kumpanija intimata mhix mistennija li tahzen capep biex tissupplixxi lill-vapuri li waqt operazzjoni ta' trasbord jonqsuhom xi capep.

- Ir-rikorrent kien il-persuna responsabbli fost affarijiet ohra ghall-operat tal-gbir ta' capep li jaqghu lill hinn mill-moll, ta' skart tal-hadid, tal-hazna taghhom ghal xi zmien, kif ukoll ghad-disponiment tal-iskart kollu perjodikament. Naturalment l-iskart kollu jibqa' dejjem propjeta tal-kumpanija intimata, u r-rikorrent la seta' jiddisponi minnu billi jaghtih b'xejn, u lanqas ma seta' jbighu lil terzi.

- Nhar l-24.05.10 ir-rikorrent kien mitlub imur fejn il-vapur CSL Marie minhabba problema ta’ nuqqas ta’ capep li nqalghet. Meta flimkien ma’ Vincent Grima wasal hemm u kien mistoqsi jekk setax jipprovdi capep, hu wiegeb fl-affirmattiv, innegozja prezz, zamm ghalih l-introjtu, spjega lir-rapprezentant tal-gadraj fejn seta’ jmur biex jghabbi c-capep, u telaq ikompli xoghlu.

- L-operazzjoni tat-trasbord tkompliet, il-*containers* tghabbew kollha, ir-rapprezentant tal-gadraj kien sodisfatt, izda ma setax ikun jaf li t-tranzazzjoni ghax-xiri ta’ capep minghand impjegat tal-kumpanija intimata kienet irregolari.

- Il-Kaptan tal-vapur gharraf lir-rapprezentanti tal-Linja f’Malta bit-tranzazzjoni li saret, dawn ilmentaw mal-gadraj f’Malta, u talbu lil Adrian Baldacchino biex jinghataw sodisfazzjoni ghal dak li gara.

- Mill-investigazzjoni li saret mal-gadraj tal-vapur u mar-rapprezentanti tieghu, il-kumpanija intimata kkonkludiet li r-rikorrent kien ghamel gwadan minn taghmir migbur u mahzun minnu fil-port hieles fil-qadi ta’ dmirijietu, ikkonfrontatu bil-provi li kellha, u meta ma kinitx sodisfatta bic-cahda tieghu temmitlu l-impieg.

- Minn dan kollu jirrizulta li l-kumpanija intimata kellha raguni tajba u bizzejjed biex ittemm l-impieg tar-rikorrent.

7.1.2 Talab biex fid-dawl ta’ dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-temma tal-impieg tar-rikorrent kienet gusta u bizzejjed skond il-ligi u konsegwentement ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Sarah Sultana f’isem ir-rikorrent:

7.2.1 Stqarret li:

- L-kumpanija intimata bbazat il-kaz taghha fuq il-provi li jirrizultaw minn tliet stqarrijiet miktuba, i.e. Il-messagg elettroniku li l-Kaptan tal-vapur CSL Marie baghat lir-rapprezentanti tal-Linja, il-messagg elettroniku li Adrian Baldacchino allegatament baghat lil Alex Montebello, u l-istqarrija ta’ Manwel Agius. Minn dawn it-tliet dokumenti, il-messagg elettroniku ta’ Adrian Baldacchino ma kienx ipprezentat, u dak tal-Kaptan ma jsemmix lir-rikorrent.

- L-istqarrija ta' Manwel Agius inkitbet minn Adrian Baldacchino u li fiha l-kliem detto del detto li qallu Manwel Agius, saret bl-iskop uniku li l-kolpa ta' dak kollu li sehh ma taqax fuq il-kumpanija li kien jahdem maghha. Ghalkemm fl-istqarrija hemm miktub li Manwel Agius gabar il-flus minghand il-Kaptan u ghaddiehom lir-rikorrent, fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali Manwel Agius stqarr li l-flus ingabru u thallsu lir-rikorrent minn Chris (kunjomu mhux maghruf). Ghalkemm dan it-tieni rapprezentant tal-gadraj kien ghadu haj meta nqala l-incident, u allegatament kien prezenti u kellu sehem f'dak li sehh, dan ma ntalabx jaghmel stqarrija bhalma ghamel Manwel Agius.

- Fix-xhieda tieghu miktuba, u f'dik *viva voce* quddiem it-Tribunal Industrijali, Manwel Agius ta xhieda konflingenti rigwardanti l-prezz negozjat ghax-xiri tac-capep, jekk, meta u fejn tkellem mar-rikorrent dwar il-provvista ta' capep, jekk ir-rikorrent telax fuq il-vapur f'xi hin, u jekk kienx ra jew le lir-rikorrent jitkellem mac-*Chief Officer* fejn il-vapur.

- B'kuntrast ma' dan, ix-xhieda ta' Vincent Grima u r-rikorrent kienet dejjem konsistenti. It-tnejn qalu li meta waslu fejn il-vapur CSL Marie u saru jafu x'kienet il-problema, wiegbu li ma setghux ikunu ta' ghajnuna, ghaliex il-port hieles ma setax jipprovdi capep. Ziedu jghidu li huma rreferew lil min staqsiehom lir-rapprezentant tal-gadraj.

- Il-hazna ta' capep uzati kienet fl-apert fil-bitha tal-port hieles u kulhadd kellu access ghaliha. Is-sokor tal-iskart beda jsir wara li sehh l-incident.

- Ghalkemm Adrian Baldacchino stqarr li r-rikorrent kien cempillu biex jistaqsih jekk kienx hu li kixfu mal-port hieles, din kienet michuda mir-rikorrent.

- Ghalkemm meta kien hiereg mill-port hieles wara li spicca mix-xoghol, ir-rikorrent waqaf fejn il-vapur biex jara jekk l-operazzjoni tkomplietx, hu ma kellem lil hadd, u alura l-waqfa tieghu ma tindikax li kellu xi interess fir-rizoluzzjoni tal-problema li kien hemm waqt l-operazzjoni tat-trasbord.

7.2.2 Talbet lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-temma tal-impieg tar-rikorrent ma kinitx ghal raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Ra n-nota tal-Avukata Sarah Sultana li tidher fis-sub artiklu 5.1.5.

8.2 Ra n-nota risponsiva tal-Avukat Joe Zammit Maempel li tidher fis-sub artiklu 5.2.3.

8.3 Iddecieda li jilqa' t-talba tal-Avukata Sarah Sultana kif tidher fin-nota.

8.4 Jirrizulta mill-provi li:

- Il-kumpanija intimata mhix mistennija li tahzen capep biex meta jinqala' l-bzonn toffrihom lill-terzi li jaghmlu uzu mis-servizzi taghha.

- L-ordnijiet rilevanti tal-kumpanija intimata kienu jirrigwardaw il-projbizzjoni ghall-provvediment ta' capep lill-terzi barranin, ghas-sokor tac-capep biex dan ma jsirx, u wkoll ghall-arrangament kuntrattwali ma' terzi lokali biex l-iskart tal-hadid jingabar u jintrema' regolarment. Fi kliem ir-rikorrent stess, il-kumpanija intimata ma tipprovdix tali taghmir lill-terzi biex ikun evitat ir-riskju ta' konsegwenzi ghall-intrapriza li jistghu jirrizultaw minn xi incidenti.

- Meta wara spezzjoni tas-sit fil-bitha tal-port hieles fejn kienu jinzammu c-capep qabel jintremew, irrizulta li l-iskart ma kienx qieghed jinzamm imsakkar, inghataw ordnijiet lill-Kap tar-rikorrent biex l-ordni ghal sokor tkun segwita.

- Ir-rikorrent, bil-ghajnuna ta' Vincent Grima kien fost affarijiet ohra nkarigat li jigbor u jahzen ghal xi zmien f'post apposta, ic-capep li jaqghu fl-art lill hinn mill-moll fejn ikun qieghed isir trasbord, flimkien ma' skart ta' hadid iehor. Dan ix-xoghol kien jirrikjedi minnhom li spiss immoru fil-bitha tal-port hieles biex ihottu t-taghbija ta' capep u skart iehor tal-hadid li kienu jigbru waqt kull jum. Konsegwentement ir-rikorrent kien familjari sew mal-bitha tal-port hieles, u partikolarment mas-sit fejn kien jinzamm l-iskart kollu tal-hadid li kienu jigbru.

- Ir-rikorrent u Vincent Grima ma kinux sempliciment jigbru c-capep li jaqghu lill hinn mill-moll waqt operazzjonijiet ta' trasbord, flimkien ma' skart iehor ta' hadid, u jahznuhom ghar-rimi kif xehed ir-rikorrent. Skond Vincent Grima, huma kienu wkoll jaghzlu c-capep tajbin minn dawk hziena. Din l-ghazla bejn capep u capep ma taghmilx sens jekk wara din l-ghazla ma jkunx hemm il-hsieb li c-capep tajbin jinhaznu ghal skop differenti minn dak ta' rimi. Konferma ta' dan tirrizulta wkoll minn xhieda li Vincent Grima ta fi stadju iehor meta qal li hu kien jaf li meta fl-imghoddi kien hemm nuqqas ta' capep waqt operazzjonijiet

ta’ trasbord, l-impjegati tal-port hieles inkarigati minn operazzjonijiet ta’ trasbord kienu jmorru fil-bitha tal-port hieles u jiehdu dak li jkollhom bzonn minn hemm biex juzawhom. Jirrizulta allura li minn zmien ghal iehor fil-bitha tal-port hieles kien ikun hemm capep li kienu tajbin, u li kienu jintuzaw mill-impjegati tal-kumpanija intimata bi ksur tal-ordni rilevanti. Minkejja li r-rikorrent ma setax ma jkunx jaf bhal Vincent Grima li dan qieghed isir, ma ghamel xejn biex ikun evitat ir-riskju ta’ konsegwenzi ghall-intrapriza li jistghu jirrizultaw minn xi incidenti. Dan ghaliex ic-capep ma komplewx jinhaznu f’post imsakkar.

- Manwel Agius, impjegat mal-kumpanija Royal Med Shipping Limited stqarr li nhar l-24.05.10 ghall-habta tal-11.30am. kien ordnat jakkwista bizzejjed capep biex ma tiqafx l-operazzjoni ta’ trasbord tal-vapur CSL Marie, izda minkejja sensiela ta’ kuntatti li ghamel ma rnexxilux isib fis-suq lokali t-taghmir li kien mehtieg. Sal-mument meta wasal fejn il-vapur CSL Marie fejn kien hemm Lorry Gatt, Philip Cilia, u xi ufficjal/i tal-ekwipagg, il-problema ta’ nuqqas ta’ capep kienet ghadha mhux rizolta.

- Meta aktar tard fl-istess jum ir-rikorrent flimkien ma’ Vincent Grima segwew dak li kienu mitlubin jaghmlu permezz tal-*wireless*, u waslu fuq il-moll fejn kien sorgut il-vapur CSL Marie, huma sabu lil Lorry Gatt u Philip Cilia jistennewhom. Hemmhekk ir-rikorrent kien mistoqsi minn xi hadd jekk setax jipprovdilhom “hafna jew balla capep”, u r-rikorrent xehed li wegeb li hu ma kellu xejn x’jaqsam mal-problema li kellhom, li fil-port hieles ma kienx hemm capep, u li jekk riedu jinqdew kellhom jindirizzaw it-talba taghhom lir-rapprezentant tal-gadraj. Fix-xhieda tieghu, ir-rikorrent imkien ma qal li f’din it-twegiba tieghu lil min talbu c-capep zied jghidlu wkoll li anki kieku kellu capep li setghu jintuzaw, hu ma setax jissuplixxi capep kontra l-ordnijiet tal-kumpanija intimata. Hekk hu mistenni li jwiegeb impjegat tal-kumpanija intimata f’kariga gholja, li fost affarijiet ohra kien responsabbli ghas-sokor tat-taghmir li l-provvediment tieghu lill-terzi kien projbit.

- Kien biss wara l-wasla tar-rikorrent u ta’ Vincent Grima fuq il-moll fejn kien sorgut il-vapur, u wara li saret it-talba lir-rikorrent, li f’qasir zmien nstabu bizzejjed capep biex l-operazzjoni tat-trasbord titkompla u tintemm. Il-hin li ghadda bejn meta saret it-talba lir-rikorrent u l-kisba ta’ sitt vjaggi capep, kien tant qasir li c-capep setghu inkisbu biss minn gewwa l-port hieles.

- Ir-rapprezentant tal-gadraj, Manwel Agius, meghjun minn numru ta’ bahrin, ghamlu sitt vjaggi b’mitt cappa kull vjagg biex garrew bizzejjed capep bejn il-bitha fil-port hieles fejn kienu jinhaznu c-

capep, tajbin u mhumiex, u l-moll fejn kien sorgut il-vapur CSL Marie. L-operazzjoni ta' trasbord intemmet meta tghabbew il-*containers* kollha. Jirrizulta allura li fil-bitha tal-port hieles kien hemm hazna ta' madwar tliet tunellati capep li ma setghetx tahrab l-iskrutinju tar-rikorrent u Vincent Grima fejn kienu jmorru kuljum fil-qadi ta' dmirijiethom. Ix-xhieda ta' Manwel Agius meta qal li r-rikorrent fehmu l-post fil-bitha tal-port hieles fejn seta' jmur biex jigbor ic-capep li kien hemm bzonn, kif ukoll il-konferma tal-istess xhieda waqt il-konfront li kellu mar-rikorrent hi kredibbli.

- Fl-istess jum fi triqtu 'l barra mill-port hieles fi tmiem il-gurnata tax-xoghol tieghu, ir-rikorrent waqaf fuq il-moll fejn kien ghadu sorgut il-vapur CSL Marie, u staqsa jekk instabux bizzejjed capep ghall-vapur. Dan ghamlu biex jaccerta ruhu li l-vapur inqeda. Min wiegbu kkonfermalu li r-rapprezentant tal-gadraj kien ghamel numru ta' vjaggi biex wassal ic-capep fuq il-moll. Din ix-xhieda tikkonferma parti mix-xhieda rilevanti ta' Manwel Agius. Minn dan jidher li dak li xehdu r-rikorrent u Vincent Grima, meta qalu li huma ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-vapuri, hlief ghal xoghol li jissejjah "o*ut of gauge"* - kliem li juri distakk komplet mill-problema li kienet tezisti, inbidel matul l-istess jum f'bizzejjed interess li sahansitra wara li spicca mix-xoghol, ir-rikorrent kellu bizzejjed kurzita biex isir jaf x'gara rigwardanti l-operazzjoni ta' trasbord tal-vapur CSL Marie. Dan l-interess jikkonfligi mad-distakk li ddikjara r-rikorrent meta wiegeb lill Lorry Gatt u Philip Cilia li hu ma kellux x'jaqsam mal-problema li kien hemm ta' nuqqas ta' capep.

- Ix-xhieda ta' Adrian Baldacchino ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-telefonata li rcieva minghand ir-rikorrent meta staqsieh jekk kienx hu li gharraf lill-Ufficjali tal-kumpanija intimata bit-tranzazzjoni li kienet saret rigwardanti bejgh ta' capep, u li kienet korroborata minn Alex Montebello hi kredibbli. Ir-repetizzjoni ta' din l-istess xhieda waqt il-konfront li x-xhud kellu mar-rikorrent ma naqqset xejn mill-kredibilita' tal-istess xhieda. Din it-telefonata tikkonferma li minkejja li allegatament ma kellu xejn x'jaqsam ma' dak li gara, ir-rikorrent kellu bizzejjed interess biex jiskopri min gharraf lill-Ufficjali tal-kumpanija intimata b'dak li sehh.

- Ghalkemm il-kontenut tal-messagg elettroniku tal-Kaptan tal-vapur jghid car li sar xiri ta' capep mill-port hieles, u xi hadd ha l-flus, ma ngibux provi ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal Industrijali li l-flus ircievihom u zammhom ir-rikorrent.

- Kull sehem ta' impjegat/i tal-kumpanija intimata fil-provvista ta' capep ghall-vapuri jammonta ghal ksur ta' l-ordni rilevanti tal-kumpanija intimata b'riskji serji ghall-istess kumpanija.

9. **Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi li:

9.1 Ir-rikorrent kellu s-sehem ewlieni biex Manwel Agius sar jaf li fil-port hieles kien hemm bizzejjed capep li setghu jintuzaw biex titkompla l-operazzjoni ta' trasbord tal-vapur CSL Marie, u fejn kienu mahzuna. Dan is-sehem jikkostitwixxi ksur tal-ordni rilevanti tal-kumpanija intimata li kienu maghrufa tajjeb mir-rikorrent.

9.2 It-temma tal-impjieg tar-rikorrent saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**